# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 178/2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Chantelle Mamo**

Seduta tal-15 ta' April, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Chantelle Mamo, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 10689M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli nhar mis-6 ta' Lulju, 2019 mill-16:00hrs sa nhar is-7 ta' Lulju 2019 sal-16:00hrs, u nhar it-8 ta' Lulju, 2019 mis-14:30hrs sad-21:00hrs fil-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed

imsejjah reat kontinwat (Kap 9, Art. 18) irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Kenneth Piscopo, hekk kif ordnata mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa (Kap 9, Art 338 (ll))

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Settembru, 2020 li biha sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha u kkundannatha ghal xahar (1) prigunerija effettiva;

Rat ir-rikors tal-appellanta, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Settembru, 2020, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti jogghobha **thassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull htija u piena u b'mod alternattiv **tirriformaha** u tvarjha in kwantu ghall-piena billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi tajjeb li qabel xejn jkun osservat illi l-ewwel Qorti b'ghaqal ghazlet li tordna r-registrazzjoni tad-deposizzjoni ta' kull xhud u b'hekk mhux biss li dan l-appell jitqies bhala

appell veru u proprju izda ukoll qieghed b'hekk ikun evitat li l-partijiet jergghu jixhdu mill-gdid quddiem din il-Qorti bil-konsegwenza ta' trauma ghalihom u bis-sogru li jghidu hwejjeg b'mod divers minn dak li xehedu quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk ghandu jkun notat b'mod pozittiv l-ghaqal tal-ewwel Qorti li tilqa' ghal dawn l-eventwalitajiet;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegata negazzjoni ta' access ta' wiehed minn ulied il-partijiet billi l-parte civile jallega illi l-omm qed tirrifjuta li tobdi l-ordni tal-Qorti u l-omm tallega illi huwa t-tifel li qed jirrifjuta li jmur. Il-wild in kwistjoni ghandu ghaxar snin u l-parte civile jammetti illi kollox kien sew sakemm f'jum minnhom it-tifel talab lil missieru jiehdu lura ghand ommu wara li inqalghet kwistjoni bejniethom fejn it-tifel ghajjar lill-missier u qallu li ma jridx jarah aktar. Minn dak l-incident 'l quddiem l-parte civile baqa' qatt ma rega' ra lill-ibnu;

3. L-appellanta tillanja s-sentenza appellata bi gravam dwar l-apprezzament zbaljat tal-fatti u iehor dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fl-ewwel aggravju, l-appellanta filwaqt illi timpunja l-kredibilita' tal-parte civile tghid li l-fatti ma setghux iwasslu ghal sejbien ta' htija meta konsiderati mal-gurisprudenza relattiva. Dwar dan ghalhekk jehtieg li jsir ezami approfondit tal-provi mhux sabiex din il-Qorti tiddeciedi hi mill-gdid il-kaz izda sabiex ikun deciz jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. U f'dan il-kaz, il-konkluzzjonijiet li huma rimessi ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti huma tnejn, igifieri jekk l-ewwel Qorti kellhiex ragun

temmen lill-parte civile u fit-tieni lok jekk bhala fatt setghetx tinsab htija fil-ksur tal-artikolu 338 (ll) tal-Kodici Kriminali kif interpretat u mhaddem fil-gurisprudenza;

4. L-ewwel Qorti ghamlet rakkont dettaljat u preciz tal-verzjoni tal-partijiet u ghalhekk ma hemm l-ebda htiega li dawn ikunu hawn riprodotti. Issa, filwaqt illi l-appellanta tislet siltiet mid-deposizzjoni tal-parte civile li fihom jidhrilha li ma kienx qed jghid il-verita' din il-Qorti, wara ezami akkurat sia tad-deposizzjonijiet kif ukoll tal-argumenti mressqa mill-appellanta, hi tal-fehma li ma hemm xejn x'jindika li l-ewwel Qorti ma setghetx toqghod fuq il-verzjoni tal-parte civile. L-istanzi msemmija mill-appellanta li fihom jidhrilha li l-parte civile kien inkonsistenti ma ghandhom ebda effett fuq l-assjem tal-verzjoni tieghu. Jinghad aktar minn hekk illi l-atti processwali jakkludu mhux biss id-deposizzjoni tal-partijiet izda ukoll dik tal-ufficcjal tal-Pulizija li rcieva r-rapport tal-parte civile;

5. Il-prosekuzzjoni kienet esebiet affidavit ta' PC 1283 li rrakonta li kien rcieva r-rapport tal-parte civile u li wara li kellem lill-imputata, wara li nghatat d-dritt li tikkonsulta mal-avukat tal-ghazla taghha u wara li tkellmet fil-fatt mal-legali taghha, stqarret illi kien l-parte civile li kien kecca lit-tifel u wara li hadet parir legali ma kienitx qed taghti aktar access ghat-tifel. Dan jikkontrasta sew mal-verzjoni minnha rilaxxjata quddiem l-ewwel Qorti li fiha ddikjarat li kien it-tifel li ma riedx jara aktar lill-missieru u li l-istess parte civile ma kienx jikkomunika maghha jew icempel il-qanpiena tal-

bieb jekk jigi biex jigbor it-tifel. Minflok tistireh fuq allegat parir legali biex ma tibqax taghti dan l-access;

6. Illi l-parte civile kien rraporta ukoll illi meta l-mara ta' huh tellghet post fuq il-*facebook wall* taghha biex tawgura lill-bintha li ghaddiet mill-ezamijiet, it-tifel tal-partijiet kiteb il-kliem "I hate you looser". Mitkellma dwar dan mill-Pulizija, l-imputata qalet li ma kienitx taf b'dan tant li kien minghaliha li binha kien nehha lill-familjari minn naha ta' missieru minn fuq il-*facebook profile* tieghu. Dan ifisser illi fejn l-imputata tallega li waqt l-access l-parte civile kien ihalli lill-binhom jilghab il-*playstation* mwarrab f'kamra ghalih, l-istess omm kienet konxja li binha ta' ghaxar snin ghandu *facebook account* u li issa trid lil din il-Qorti u lill-ewwel Qorti qabilha temmen il-verzjoni taghha u twarrab dik tal-parte civile li jghid li dejjem mar biex jircievi lill-ibnu izda dan qatt ma kien prezentat minn ommu in adempjenza tal-obbligi taghha;

7. Sorvolat dan l-aspett ta' kredenza u meno fil-verzjoni tal-partijiet, jokkorri issa jkun deciz jekk in-nuqqas tal-imputata setghax jammonta ghall-ksur tal-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li hu hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull minn "**meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lill-wild taht il-kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa**". Huwa palezi illi l-imputata kellha l-obbligu li taghti access tal-wild lill-parte civile u li dan ma ghamlitux fuq decizjoni taghha. Ir-raguni minnha vantata ghal dan l-

agir hu ghaliex binha ta' ghaxar snin jirrifjuta li jmur ma' missieru;

8. Issa, l-appellanta tikkontendi illi l-gurisprudenza dwar dan l-obbligu inbidlet minn dik fejn il-Qorti tqis illi l-genitur ghandu sahansitra fizikament iqieghed lill-wild fl-access ordnat mill-Qorti ghal dik aktar ricenti fejn ma jkun kommess ebda reat f'kaz li l-wild jirrifjuta li jmur ghal vizita tal-genitur l-iehor. U sabiex tillustra r-ragunament taghha, l-appellanti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Il-Pulizija vs Michael John Rees. L-appellanta izda, mhix korretta fl-interpretazzjoni ta' din is-sentenza li hija univoka fit-tifsira tal-artikolu 338(ll) appena citat u msejsa fuq skorta ta' sentenzi in rigward li jirritjenu li l-ordnijiet tal-Qorti ghandhom dejjem u bla eccezzjoni jkunu ezegwiti u dan ghaliex l-inadempjenza tal-parti fl-ewwel lok tmur direttament kontra l-ordni pubbliku kif ukoll, u ugwalment ta' mportanza, li tali nuqqas johloq sofferenza fuq il-parti l-ohra u l-wild;

9. Dak li l-imputata tqis bhala evoluzzjoni fil-hsieb tal-Qorti mhu xejn hlief differenza bejn il-fatti tal-kawzi citati. Fl-ewwel lok hemm sitwazzjoni fejn il-genitur rrifjuta li jaghti access ghaliex il-wild ta' ghaxar snin irrifjuta li jmur ghall-access moghti lill-genitur l-iehor u l-Qorti rriteniet illi m'ghandux ikun il-wild li jiddetta jekk isirx access jew le. Fil-kaz Rees, il-wild kellha erbatax-il sena u kellha animozita versu l-genitur l-iehor u li minkejja dan il-genitur monit bil-kustodja taghha ghamel minn kollox biex isehh l-access tant li stiednet lill-parti l-ohra fl-appartament taghha, fil-presenza ta' marixxalli tal-Qorti li rrpurtaw dwar dak li kkonstataw;

10. Illi fil-kaz hawn skrutinat, l-imputata ma ghamlet xejn minn dak li jista' jixtiebah ma' dak kollu li ghamel il-genitur fil-kaz Rees anke jekk din il-Qorti tiddeciedi kull kaz fuq il-merti tieghu u mhux ghaliex dan jixtiebah ma kaz iehor jew le. Id-decizjoni tal-imputata li ma tibqax taghti l-access ghall-wild taghha lill-parte civile huwa radikat mill-allegata rifjut tal-istess wild li jmur jara lill-missieru u jidher li ma ghamlet xejn biex tipperswadi lill-binha minn dan l-allegat sentiment u li minflok tipperswadieh sabiex jmur ghand missieru anke ghaliex in-nuqqas tieghu jista' jfisser sanzjoni mill-Qorti;

11. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment ssib htija kontra l-appellanta u konsegwentement ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba dik id-decizjoni. Ghalhekk ukoll, l-ewwel aggravju qed ikun respint;

12. **It-tieni** lanjanza tal-appellanta tirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Minn ezami tal-atti jemergi illi l-prosekuzzjoni addebitat l-elementi tar-reat kontinwat kif ravvizati fl-artikolu 18 ta' Kodici Kriminali bil-konsegwenza li l-piena kienet soggetta ghal zieda diskrezzjonali minn grad sa zewg gradi. Il-piena ghalhekk kienet fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt erogata;

13. Din il-Qorti tifhem ukoll ir-raguni ghaliex l-ewwel Qorti kkominat il-piena lamentata anke jekk mhux espressament dikjarat izda certament hi radikata mill-hsieb li l-ordnijiet tal-Qorti jridu jkunu obduti; li l-agir bhal dak tal-appellanta igib

mieghu trauma sia fuq il-genitur kif ukoll fuq il-wild li mhix facilment tirrizolvi ruhha sakemm ma tohloqx firda u mibgheda rrikonciljabbli;

14. Osservat dan, tajjeb ukoll li jinghad ghal kompletezza tal-kwadru, illi din il-kawza nstemghet flimkien ma' seba' ohra fuq l-istess fatti pero' dwar dati differenti fejn l-appellanta instabet hatja u kienet ukoll kundannata ghall-xahar prigunerija. Dan ifisser illi bil-konferma taghha f'din l-istanza, l-appellanta ser tkun soggetta ghall-tmien xhur prigunerija. Minkejja li ma tkunx l-ewwel darba illi l-Qrati taghna ssanzjonaw fatti konsimili bl-erogazzjoni ta' piena karcerarja, huwa bil-wisq evidenti fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ossia kawzi odjerni, illi l-appellanta ghandha bzonn l-ghajnuna sabiex tgharaf li qeghda fil-hazin u sabiex minnufih tirretifika s-sitwazzjoni li qed tippregudika lill-wild u lill-missieru b'mod irreparabbli;

15. Illi ghalhekk il-Qorti ser tissostitwixxi il-piena kominata mill-ewwel Qorti b'sanzjoni li tawgura li tkun ta' ghajnuna ghall-partijiet kollha;

16. Konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel talba tal-appellanta ghat-thassir tas-sentenza appellata izda tilqa' t-tieni talba ghal-varjazzjoni fil-piena u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata kwantu sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatha ghal-terminu ta' xahar (1) prigunerija u minflok, fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, qed tqieghed lill-imputata

taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tmintax-il xahar mil-lum.

17. Il-Qorti spjegat fi kliem car l-obbligi taghha naxxenti minn din is-sentenza kwantu l-Ordni ta' Probation. Stante illi, kif gia inghad, dan l-appell instema' flimkien ma' sebgha ohra fl-istess ismijiet, din l-ordni tibda u tintemm flimkien mal-ordnijiet moghtija fis-sentenza konnessi u mhux wahda wara l-ohra;

18. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur Servizzi tal-Probation.